**Dovina:** Forsi biex ma jaqsamlekx qalbek, Sinjura Karolin.

**Karolina:** Lili ma jaqsamli qalbi xejn, għax la mmorru banda u lanqas oħra. Nibqgħu hawn il-belt u ma tgħaddi ta' ħadd.

**Ġamri:** *(Jidħol bi xtieli tas-siġar f'idu).* Sinjura, jiena wasalt.

**Karolina:** Dawk x'inhuma li għandek f'idek?

**Ġamri:** Dawk xtieli tas-siġar biex inħawwilhom. Ġibthom mill-Ġonna ta' Sant'Anton.

**Karolina:** Fejn se tħawwilhom?

**Ġamri:** Is-sinjur kien qalli biex inħawwilhom fil-ġnien hawnhekk. Imma issa qalli li jrid iħawwilhom f'xi ġnien ieħor... ta' dar oħra.

**Karolina:** Tħawwel xejn f'ġonna ta' djar oħra... Il-ġnien ta' din iddar biżżejjed għalina... m'għandniex bżonn ta' ġonna oħra. Fejn mort iżjed?

**Ġamri:** Għaddejt fil-villa tal-Baruni biex nara jekk is-siġar talġnien għandhomx bżonn ta' żabra. Irrid ngħid lis-sinjur li kellhom bżonn ta' żabra... imma milli jidher reġa' bdielu li jiżborhom... Lis-sinjur ħallejtu hawn isfel jitkellem ma' sinjur.

*(Jissokta)*

## LIL DUN KARM

## (L-għada ta' Mewtu)

Ta' JOE MEJLAK

Indhext, skantajt, meta jien smajt li inti,
Maħbub Dun Karm, Poeta Nazzjonali,
Ħallejtna. U bkejt it-telfa kiefra tiegħek,
U qalbi mtliet b'hemm kbir, tiġrib u għali.

Malta ħassitha t-telfa kiefra tiegħek,
U dmugħ li jaħraq ġelben ma' ħaddejja
Għax kienet taf xi jsarraf lil min tilfet,
Għalhekk xarrbet imdejqa ħbub għajnejha.

Int kont, għadek, u tibqa' ġewwa qalbna
Maħbub poeta; xejn le ma jnessina
Kemm l-għaraq ta' ħidmitek xarrab ġbinek
Sabiex xogħlijiet kbar tagħraf tagħtina.

Ta' dan aħna nħallsuk poeta tagħna,
Għax għalkemm int ħallejtna, tibqa' magħna!



# FEJN WASLET IL-LETTERATURA MALTIJA

Ta' GEORGE STEVENS

Huwa fatt li l-lum il-Malti ħa l-post li jixraqlu fost is-soċjetà u l-poplu tagħna, ħaġa li biha għandna nkunu soddisfatti u li tagħmlilna ġieħ bħala nazzjon. It-twelid u l-iżvilupp tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u, bl-inizjativa u t-tħabrik tagħha, l-għarfien uffiċjali ta' lsien art twelidna, taw skop aktar u spirtu ġdid għall-kitba letterarja bil-Malti li, min-nisel tal-Għaqda msemmija 'l hawn, baqgħet dejjem tixxettel u tistagħna. Il-lum, il-letteratura Maltija stabbiliet ruħha bħala letteratura li ma tagħmilx għajb lil-letteratura ta' pajjiżi oħra kulturali. Meta tqis kemm hu qasir iż-żmien mindu l-Malti ġie magħruf uffiċjalment u ċ-ċokon tan-nazzjon tagħna, tasal biex tgħid li l-letteratura tagħna warrdet malajr u kattret frott bnin aktar milli kien mistenni. Iżda ħalli nieqfu ftit u nagħtu daqsxejn daqqa t'għajn lura. Naraw x'għad jonqos u x'jista' jsir. Ngħidu aħna, nistgħu nammettu li l-lum il-qagħda tal-letteratura hija ta' soddisfazzjoni għal kollox? Nistgħu ngħidu li m'għandniex vojt kbir? Fi kliem ieħor nistgħu ngħidu li mxejna biżżejjed fl-oqsma kollha tal-kitba bil-Malti?

Jien ma naħsibx. Il-fehma tiegħi hi li għandna nuqqas ta' proporzjon, anzi fejn imxejna wisq u fejn bqajna lura kważi żżejjed. Nara li mxejna ħafna f'dik li hi poeżiji—għandna għadd sabiħ ta' xogħlijiet ta' valur kbir letterarju, ħaġa li għandna tabilħaqq għalfejn inkunu mkabbrin biha, ħaġa li tixhed tajjeb il-ħila tal-poeti tagħna. Dan huwa forsi r-riżultat ta' l-influwenza kbira, biex ngħid hekk manjetika, tal-poeta nazzjonali tagħna Dun Karm li nebbah u ħeġġeġ għadd ġmielu ta' kittieba għall-vers Malti. Fil-proża, imma, b'mod speċjali f'ċerti fergħat, il-għadd ta' xogħlijiet letterarji huma ferm inqas. Nieħdu l-essay, bħala eżempju. Kemm-il ktieb għandna bil-Malti ta' l-essays? Waħdiet. Kemm għandna kittieba ta' l-essay ta' livell għoli biżżejjed? Tgħoddhom fuq subgħajk. Dan huwa fatt li ma jista' jiċħdu ħadd. Xogħlijiet ta' essays għad għandna ftit u hemm bżonn inħeġġu l-kittieba biex jippruvaw ħilithom f'din il-fergħa moderna tal-letteratura ħalli jimtela vojt kbir li ilu jeżisti ħafna. Jeħtieġ ikollna essays fuq suġġetti varji u li jolqtu l-ħajja ta' kuljum, essays fuq il-problemi tagħna, ukoll essays umoristiċi u semi-umoristiċi. Għandna b'mod speċjali nħajru lill-kittieba żgħażagħ biex jesploraw u jiżviluppaw aktar din il-linja.

Nuqqas, jew aħjar vojt ieħor fil-letteratura Maltija huwa t-traduzzjonijiet minn ilsna oħra ta' kitba magħrufa. Għalkemm għandna xi rumanzi u novelli maqluba għall-Malti, dawn huma ftit fin-numru